# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christian BORG**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Frar 2022 kontra Christian BORG (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315493M) li ġie mixli talli fit-23 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-11.30 fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179:

   (i) Bil-liċenzja tas-sewqan mhux imġedda għas-sena kurrenti;
   (ii) Kif ukoll mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
   (iii) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku ħabat ma' vettura numru FAW 879 u involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Brincat skont kif iċċertifikat minn Dr. Rene Camilleri tabib f'Mater Dei;
   (iv) Kif ukoll talli saq il-vettura b'manjiera perikoluża;
   (v) B'manjiera traskurata;
   (vi) U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'veloċita' eċċessiva;
   (vii) Kif ukoll talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ħabat

ma' vettura FAW 879 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għaddannu ta' Carmel Brincat.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 226(1)(a)(b)(ċ) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel u tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni u għaldaqstant illiberatu minnhom, sabitu ħati tat-tieni, tat-tielet, tal-ħames u tas-seba' imputazzjonijiet u kkundannatu għall-multa komplessiva ta' Ewro 4,000. Il-Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-ħati għal żmien ta' sena li jibdew jiddekorru minn l-għada tal-ġurnata li ngħatat din is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BORG appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tbiddel u tvarja s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel, mir-raba' u mis-sitt imputazzjonijiet, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn instab ħati tat-tieni, tat-tielet, tal-ħames u tas-seba' imputazzjonijiet u tilliberah minn kull imputazzjoni ħtija u piena u dan wara li, in suċċint, stqarr is-segwenti:

   (i) L-ewwel aggravju jitratta n-nullita tas-sentenza appellata. L-appellant jikkontendi li kważit rikjest ad validitatem huwa li s-sentenza tiċċita bi preċiżjoni u mingħajr ebda dubju l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reat misjub ħati tiegħu. Fil-każ odjern, dawn ġew indikati b'mod ġeneriku fejn il-Qorti ddikjarat li qiegħda ssib lill-appellant ħati tal-Artikolu 226(1)(a)(b) u (ċ), tlett reati li għalkemm huma tal-istess natura, kollha kemm huma jipprospettaw fatti u elementi separati minn xulxin u li t-tlett kwalitajiet tal-istess reat, huma jekk xejn, alternattivi u ma jistgħux jissussistu kollha flimkien. Illi għalhekk peress li ma ssegwiex d-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u l-elementi tiegħu, għandha tiġi ddikjarata nulla;

   (ii) It-tieni aggravju jitratta dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu skont l-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Maġistrati erronjament qieset li l-preskrizzjoni ġiet interrotta permezz ta' 'dak li seħħ fit-28

ta' Ġunju 2016' u konsegwentement ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali. L-esponent ġie imputat talli nhar it-23 ta' Settembru 2015 kiser diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet – salv l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet – huma kollha punibbli b''piena karċerarja ta' inqas minn sena jew il-multa u għalhekk tapplika għalihom l-preskrizzjoni ta' sentejn (artikolu 688(e)). Illi dan neċessarjament ifisser li l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet ġew preskritti nhar it-23 ta' Diċembru 2015, it-tieni imputazzjoni ġiet preskritta nhar it-23 ta' Marzu 2016 u il-kumplament tal-imputazzjonijiet ġew preskritti nhar it-23 ta' Settembru 2017. Illi huwa fatt inkostestat li l-ewwel darba li deher l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kien nhar is-16 ta' Jannar 2018 fejn dakinhar ħa konjizzjoni tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u l-prosekuzzjoni bdiet bil-provi tagħha. Barra minn hekk, l-atti proċesswali ma jikkontjenu l-ebda riferta tal-Pulizija maħruġa lill-appellant jew prova li l-esponent ġie notifikat fit-termini tal-Artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu li ġie ċċitat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi dak li kienet qiegħda tirreferi għalih l-Ewwel Onorabbli Qorti meta semmiet 'dak li seħħ fit-28 ta' Ġunju 2016' kien il-verbal tal-istess ġurnata fejn għal xi raġuni misterjuża, ġie ivverbalizzat li 'ġiet ippreżentata riferta pożittiva'. Lil hinn minn hekk huwa pależament evidenti li l-atti proċesswali huma karenti minn kwalsiasi riferta pożittiva u konsegwentement la nafu min qassam ir-riferita meta saret in-notifika, kif saret, lil min ingħatat u x'ingħata mar-riferta.

F'dan is-sens l-appellant ma jistax jaqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn din qalet li l-preskrizzjoni ġiet interrotta fit-termini tal-Artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali. Illi sabiex jiskatta l-Artikolu 687 jeħtieġ li l-appellant ġie notifikat bl-imputazzjoni relativa. Anke jekk wieħed, fl-assenza tal-prova dokumentarja, ikollu jikkonċedi li dak verbalizzat fil-fatt ġara, xorta ma huwhiex biżżejjed biex wieħed jikkonkludi sal-grad rikjest mil-Liġi li l-appellant kien notifikat bl-imputazzjonijiet kif trid il-Liġi. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

## D. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar it-23 ta' Settembru 2015, il-Pulizija ta' ġewwa l-Għassa taż-Żejtun ġew infurmati li kien seħħ inċident ġewwa Triq Ħal Tarxien fil-Gudja u li kien hemm xi persuni feruti. Il-Pulizija marret immedjatament fuq il-post indikat fejn sabet ħabta bejn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAW 879 li kienet qiegħda tiġi misjuqa minn

ċertu Carmel Brincat u vettura oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179 misjuqa mill-imputat qua appellant Christian BORG. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li Carmel Brincat kien sofra diversi grieħi u mill-ewwel ingħata l-ewwel għinuna medika li kellu bżonn minn infermjiera li nzertat għaddejja minn fuq il-post. Sussegwentement kellu bżonn jittieħed għal aktar kura ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn ġie ċċertifikat minn Dr. Rene Camilleri (numru ta' reġistrazzjoni mediku 3025) li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi iżda li ma kienx fil-perikolu tal-mewt.

5. Illi l-Pulizija tkelmet ukoll ma' Christian BORG fejn hu tahom il-verżjoni tiegħu ta' fatti fir-rigward tal-inċident awtomobilistiku li fih huwa kien involut. Mistoqsi jekk kellux bżonn assistenza medika huwa qal li ma kellu bżonn xejn u rrifjuta l-għinuna medika. Il-Pulizija tkelmet ukoll ma' WPC 191 Maria Borg li kienet fuq il-post u rat l-inċident iseħħ hekk kif kienet qiegħda ssuq wara l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179.

6. Illi sussegwentement il-Pulizija ħarġu akkużi relatati mal-inċident u nbdew proċeduri kriminali kontra l-appellant fejn fosthom ġie mixli talli kkaġuna ħsarat fil-gisem ta' Carmel Brincat kif ukoll fil-vettura tal-istess b'mod involontarju minħabba sewqan traskurat. Huwa nstab li kien qiegħed ukoll isuq il-vettura tiegħu mingħajr ma din kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni kontra terzi persuni.

**Ikkunsidrat**

7. Fis-sentenza tagħha, dwar ir-responsabbilita tal-appellant għall-inċident stradali u għall-konsegwenzi ta' ħsara personali li tnisslu minnu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet hekk:

> Illi minn dak li qal Dr Rene Camilleri li huwa tabib li ezamina lil Carmel Brincat ta deskrizzjoni tal-griehi li kellu fl-affidavit tieghu (a fol 14) fejn ikkonkluda li huma ta' natura gravi. Illi f'dan il-kaz il-griehi grevi sofferti minn Carmel Brincat ma kienx hemm il-prova li kienu permanenti fid-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat li s-sewqan tal-imputat kien wiehed traskurat u kien hu unikament responsabbli ghall-incident, issibu hati li kkaguna giehi gravi fuq il-persuna ta' Carmel Brincat.

8. Illi imbagħad, kwantu għar-responsabbilita tal-appellant għall-ħsara partimonjali naxxenti mill-istess inċident stradali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet hekk:

Illi ghalkemm huwa fatt li l-vettura ta' Carmel Brincat sofriet hsarat kbar. Illi pero jidher b'mod car mill-filmat li il-vettura misjuqa minn Carmel Bartolo gerbet hsarat konsiderevoli. Illi ghalhekk jidher bic-car li minhabba s-sewqan traskurat tal-imputat ikkaguna hsarat fl-istess vettura ta' Carmelo Brincat fejn ukoll sofra griehi gravi mal-impatt. Illi ghalkemm din il-Qorti tara li kien hemm responsabilita' tal-imputat taht l-artikolu 328 taht is-subartikoli (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan minhabba l-fatt li Carmel Brincat sofra griehi gravi hekk kif gie certifikat. Illi ghalhekk anki hawn din il-Qorti qeghda ssibu hati.

9. Imbagħad pero fid-decide tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tgħid:

**Decide**:

Il-Qorti ghalhekk wara li rat it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 226(1)(a)(b) u (c) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel (1) u tar-raba (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom, filwaqt li ssibu ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5) u tas-sebgħa imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' erbat elef Euro (€4,000).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati għal żmien sena li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

10. Il-motivazzjonjiet tas-sentenza u d-dispositiv tas-sentenza jridu jinqraw flimkien u jridu jagħmlu sens billi l-motivazzjonijiet jiġu riflessi fid-dispositiv tas-sentenza. Skont l-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi**, fil-każ li f'ċerti:

kontinġenzi d-dispositiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est"**.**

11. Iżda ġieli jiġri li l-motivazzjonijet tas-sentenza ma jkunux jaqblu mal-parti dispositiva. F'dan il-każ:

In caso di incompatibilita' tra dispositivo e motivazione, la giurisprudenza ritiene prevalente quanto stabilito nel dispositivo, essendo il primo atto attraverso il quale le parti vengono a conoscenza del decisum. Sul punto, e' stato inoltre evidenziato che mentre il dispositivo e' l'atto con cui si estrinseca la volonta' della legga nel caso concreto, la motivazione he

esclusivamente una funzione strumentale (Cass. Pen., 20.5.2008, n.25530, in CED rv. N. 240649).[1]

12. Dak li jorbot għalhekk huwa d-dispositiv tas-sentenza; u allura huwa d-dispositiv li jrid jirrifletti eżattament dak il-ġudizzju li l-Qorti tal-Maġistrati tkun riedet tesprimi fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija o meno tal-persuna mixlija quddiemha. U d-dispositiv irid ikun ċar, komplut u mingħajr żbalji.

13. F'każ li l-Qorti tal-Maġistrati tkun sabet kontra l-akkużat, hija tista' issib dik il-ħtija fil-parametri tal-akkużi li jkunu ġew kontestati lill-akkużat mill-Prosekutur – il-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Avukat Ġenerali skont il-każ - jew almenu fir-rigward ta' reati li jkunu minuri iżda ritenibbli kompriżi jew involuti f'dawk l-akkużi kontestati lill-akkużat. Iżda f'dan l-aħħar każ, dik il-Qorti trid dejjem, meta tiġi biex issib ħtija, tgħid ta' liema akkużi tkun qegħda ssib lill-akkużat ħati u tispjega kif tkun waslet issib tali ħtija għal dak ir-reat.

14. Il-ġurisprudenza Maltija tgħallem li mhux kull irregolarita li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita tagħha. Kif ġie deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fil-provvediment dwar in-nullita ta' appell mill-Avukat Ġenerali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Russell Bugeja** tat-3 ta' Marzu 2008:

> Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu lmassimi interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat u benedicta est expositio quando res redimitur a destructione.

15. Il-Liġi tippreffiġġi r-rekwiżiti ad validitatem li jrid ikun fiha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u n-nuqqas ta' tħaris tagħhom iwassal għan-nullita tas-sentenza tal-Qorti. Hekk per eżempju huwa misjub f'diversi fosthom: **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat,[2] Il-**

[1] https://www.treccani.it/enciclopedia/struttura-della-sentenza_%28Diritto-on-line%29/ aċċessata fit-22 t'Awissu 2022
[2] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)

**Pulizija vs. Stephen Bonsfield,**[3] **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon,**[4] **Il-Pulizija vs. Carmel Attard,**[5] **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia,**[6] **Il-Pulizija vs. Philip Zahra,**[7] **Il-Pulizija vs. Francis Mallia,**[8] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,**[9] **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia.**[10]

16. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li ma jippremettix li fis-sentenza jkun hemm impreċiżjonijiet li joħloqu inċertezza fil-moħħ tal-akkużat għal dak li jirrigwarda r-reat preċiż li għalih ikun ġie misjub ħati u l-fatti li fuqhom huwa jkun ġie misjub ħati. Jekk is-sentenza ma tgħidx ta' liema imputazzjoni tkun qegħda ssibu ħati dik is-sentenza titqies difettuża in kwantu tkun naqset milli tħares formalita essenzjali rikjesta mill-Liġi.

17. Fl-appell kriminali deċiż mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef William Harding fit-18 t'April 1959 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Piju Gafa'** intqal li meta jkun hemm imputazzjonijiet alternattivi u l-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati, mingħajr ma tgħid pero għall-liema imputazzjonijiet huwa jkun qed jiġi dikjarat ħati, jiġi għalhekk li l-Qorti ma tkunx qalet ta' liema reat huwa jkun ġie misjub ħati – bil-konsegwenza li din il-vjolazzjoni ġġib in-nullita tas-sentenza.

18. Il-Qorti tal-Maġistrati trid tassigura li l-artikoli li tiċċita fis-sentenza kundannatorja tagħha jirriflettu l-akkużi li bihom l-akkużat ikun mixli, il-fatti li tagħhom l-akkużat ikun ġie misjub ħati, u r-reat li tiegħu ikun instab ħati. Il-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li l-Qorti setgħet tkun għamlet fis-sentenza tagħha qabel tkun waslet għal tali deċiżjoni kundannatorja għandhom ikunu jaqblu mad-decide. L-akkużat misjub ħati għandu jkollu idea ċara ta' dak illi huwa jkun ġie effettivament misjub ħati tiegħu u mogħti l-piena għalih minn dak li huwa setgħa ma ġiex misjub ħati tiegħu.

19. Huwa imperattiv kemm għall-Prosekutur li meta jiġi biex jixli formalment persuna quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali huwa jindika b'mod korrett u preċiż l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw r-reat. Huwa daqstant ieħor imperattiv fuq il-Qorti tal-Maġistrati, li meta

[3] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[10] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

tiddeċiedi li ssib akkużat ħati, tindika b'mod korrett u preċiż l-artikoli tal-Liġi speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Il-frażi "l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reat" trid tinftiehem b'mod sħiħ (holistic). Din tirriferi għal dawk l-artikoli tal-Liġi kollha speċifikament applikabbli għal dik il-fattispecie partikolari u li jkunu jirriflettu b'mod preċiż – u mhux b'mod ġeneriku jew approssimattiv - ir-reati (nonche l-pieni u konsegwenzi) applikabbli għal dak il-każ partikolari. La l-Prosekutur fl-akkużi formali tiegħu, u wisq anqas il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, ma jistgħu jiċċitaw artikoli li minn natura tagħhom ikunu jagħtu lok għal dubju, inċertezzi jew ekwivoċita dwar liema reat preċiż l-akkużat ikun ġie mixli bih jew li tiegħu ikun ġie misjub ħati.

20. Meta l-Qorti tal-Maġistrati tiġi biex tagħti s-sentenza tagħha, hija trid tkun ċara u speċifika fl-artikolu jew artikoli tal-Liġi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Altrimenti l-Qorti tista' tkun qegħda toħloq inċertezza fis-sentenza tagħha stess. Din l-inċertezza ma hemmx postha f'ġudizzji penali u trid tiġi evitata b'riferiment speċifiku u preċiż għall-artikolu jew artikoli tal-Liġi partikolari u speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat f'dak il-każ partikolari. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tħalli dubju dwar fejn tkun radikata l-ħtija tal-imputat - b'mod li l-ħtija tkun indistingwibbli, jekk mhux ukoll ekwivoka, konfliġġenti jew kontradittorja - allura imbagħad f'dak il-każ jista' jkun hemm l-estremi tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

21. Hekk ġara f'dan il-każ. Stando mal-motivazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imsemmija iżjed il-fuq, jidher li dik il-Qorti riedet issib lill-appellant ħati tal-offiża gravi fil-forma involontarja (mingħajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali). Dan huwa msaħħaħ bid-dikjarazzjoni l-oħra li għamlet dik il-Qorti ftit l-isfel fil-paragrafu suċċessiv preċedenti immedjatament id-decide tagħha meta qalet li kien: "jidher bic-car li minhabba s-sewqan traskurat tal-imputat ikkaguna hsarat fl-istess vettura ta' Carmelo Brincat fejn ukoll sofra griehi gravi mal-impatt".

22. Iżda fid-decide tagħha dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati taħt l-Artikolu 226(1)(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali. Veru li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-akkużat ħati ta' offiża involontarja fuq il-persuna taħt l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda meta sabitu ħati taħt il-paragrafi kollha ta' dak l-artikolu, hija tiġi li ma speċifikatx eżattament ta' liema offiża involontarja fuq il-persuna hija kienet qegħda ssibu ħati tiegħu. Anzi tista' tinftiehem li kienet kontradittorja bejn dak li qalet fil-motivazzjonijiet għal dak li eventwalment iddeċidiet id-decide tagħha. Ma kienx hemm provi li juru li t-tliet

ipoteżijiet imsemmija fl-artikolu 226(1)(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali kienu japplikaw f'dan il-każ. Il-Qorti riedet tiddeċiedi taħt liema ssib ħtija.

23. Kif intqal, kieku kien hemm kontradizzjoni bejn il-motivazzjoni u d-disposittiv, id-disposittiv kien jipprevali u allura d-deċiżjoni tal-Qorti kienet tkun dik skont kif imsemmija fid-decide. Dment pero li d-deċide huwa legalment validu. Għax meta fid-deċide l-istess Qorti tal-Maġistrati tkun qegħda tgħid li l-akkużat huwa ħati ta' offiża gravi involontarja li ġġib magħha l-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (gravissima); **u** offiża gravi involontarja li ma ġġibx magħha l-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (gravi); **u** offiża ħafifa, fl-istess nifs, allura hemmhekk awtomatikament tinħoloq inċertezza dwar eżattament liema forma t'offiża involontarja tkun irriżultat lil dik il-Qorti u għall-liema ipoteżi ta' reat l-akkużat ikun qiegħed jiġi misjub ħati u sentenzjat. Din il-formula ma tiggarantix iċ-ċertezza li kull sentenza kundannatorja teħtieġ li tistabbilixxi.

24. F'dan il-każ din l-inċertezza tkompli tiżdied peress li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tal-ħsara involontarja taħt l-artikolu 328**(d)** tal-Kodiċi Kriminali. Kif intqal iżjed il-fuq, fil-motivazzjonijiet tagħha dik il-Qorti qieset li "jidher bic-car li minhabba s-sewqan traskurat tal-imputat ikkaguna hsarat fl-istess vettura ta' Carmelo Brincat fejn ukoll sofra griehi gravi mal-impatt". Iżda dan ma jaqbilx ma dak deċiż minn dik il-Qorti. L-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li:

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati:
> (a) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;
> (b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhuxiżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
> (c) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tlietxhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);
> (d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:

25. Meta fid-decide tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-akkużat appellant taħt l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali hija kienet allura qegħda teskludi li l-ħsara li kkaġuna l-appellant kienet twassal għal xi forma ta' offiża gravi fuq il-persuna tal-vitma u dan peress li l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali japplika għal kull każ ieħor, eskluż allura dawk l-ipoteżi kollha msemmija f'dan l-artikolu (a) mewt, (b) offiża gravissima u (ċ) offiża gravi. B'xorti tajba f'dan il-każ ħadd ma qal li kien hemm mewt. Meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija taħt l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali kienet qegħda tagħti indikazzjoni li jekk irriżultat xi offiża involontarja fuq il-persuna din la kienet waħda gravissima u l-anqas gravi.

26. Minn qari ta' din id-deċide għalhekk ħati ma jistax jasal li jifhem eżattament jekk huwa ġiex misjub ħati ta' offiża involontarja ta' natura gravissima jew ta' natura gravi jew ta' offiża involontarja ħafifa. Id-deċide huwa konfuż. Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex tippresta ruħha għal din it-tip t'inċertezza legali ladarba t-tliet ipoteżijiet huma offiżi iżda jġorru pieni u konsegwenzi differenti. Id-decide kif redatt ma jirrendix din is-sentenza "safe and satisfactory" peress li joħloq forma ta' ħtija indistingwibbli li skont il-ġurisprudenza twassal għan-nullita tas-sentenza appellata.

# Deċide

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata sollevata fl-ewwel aggravju u b'hekk qegħda tannulla u tħassar is-sentenza appellata. Stante n-natura tar-raġuni li waslet għan-nullita tas-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame, wara li rat l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi din il-kawża skont il-Liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**